MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2709/2002

**Anthony Callus**

**Vs**

**Emmanuel Azzopardi f'ismu proprju
u kif ezercenti l-kummerc bl-isem
Azzopardi Woodworks.**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut pro et noe ghall-hlas tas-somma ta' Lm1500 (elf u hames mitt Lira Maltin) rapprezentanti l-bilanc dovut mill-konvenut in linea ta' konsiderazzjoni ghal xogholijiet rezi mill-attur taht kuntratt ta' appalt gewwa l-fond di proprieta' tal-konvenut, liema hlas baqa' ma sarx minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-konvenut, fosthom ittra bonarja datata 13 ta' Awissu 2002 u ittra ufficjatli datata 6 ta' Settembru 2002. Il-bilanc mitlub fl-ittra ufficjali datata 6 ta' Settembru 2002 gie ridott ghal elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500.00) ghall-finijiet ta' kompetenza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult u ta’ l-ittra bonarja datata 13 ta’ Awissu 2002, ta’ l-ittra ufficjali datata 6 ta’ Settembru 2002, tal-Mandat ta‘ Sekwestru prezentat fis-16 ta’ Settembru 2002, tar-rapport tal-AIC Aaron Abela, u interessi legali mid-data li fiha gie rez is-servizz sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut baqa’ ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lill-attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont ta’ Lm1500 ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm1500 (elf u hames mitt lira Maltin). Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------